MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 838/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cassar**
**V**

**MATTHEW CAMILLERI**

## Il-Qorti;

Rat li l-imputat **MATTHEW CAMILLERI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Joseph w Emanuela nee Montebello, imwieled Pieta nhar s-sittax ta’ Novembru 1986 u residenti 313, Flat 2, ‘Paradise Flats’, Upper St. Albert Street, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita numru 529286M gie mressaq quddiemha nhar d-disgha ta’ Settembru 2008 akkuzat talli:

1. fil-lejl ta’ bejn it-tmintax w id-dsatax t’ Awwissu 2008, fil-Mosta, ikkommetta serq t’apparat eletroniku u flus kontanti mill-fond M.Fsadni & Associates sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni ghad-dannu ta’ Marika Fsadni

u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

2. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond M.Fsadni & Associates sitwat fi Triq il-Kostituzzjoni fil-Mosta, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Marika Fsadni u/jew persuni ohra ;

3. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti u appart eletroniku (Ipaqs), gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

4. Talli fil-lejl ta' bejn it-tmienja w ghoxrin w d-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2008, fil-Fgura, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-fond Transpak sitwat fi Triq haz-Zabbar ghad-dannu ta' William Vella u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

5. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond Transpak sitwat fi Triq Haz Zabbar, Fgura, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' William Vella u/jew persuni ohra ;

6. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg

u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

7. Talli fil-lejl ta' bejn il-wiehed u tletin ta' Lulju 2008 u l-ewwel t'Awwissu 2008, f'San Gwann, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-fond Marine Services & Consultancy sitwat fi Triq San Mikiel ghad-dannu ta' Noel Ellul u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

8. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond Marine Services & Consultancy sitwat fi Triq San Mikiel, San Gwann, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Noel Ellul u/jew persuni ohra;

9. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil- hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

10. Talli fil-lejl ta' bejn il-wiehed u tletin ta' Lulju 2008 u l-ewwel t'Awwissu 2008, f'San Gwann, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-fond Health Care sitwat fi Triq San Mikiel ghad-dannu ta' Andrew Cutugno u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro;

11. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond Health Care sitwat fi Triq San Mikiel, San Gwann, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Andrew Cutugno u/jew persuni ohra;

12. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

13. Talli ta’ bejn il-tletin u l-wiehed u tletin ta’ Lulju 2008, f’ San Gwann, ikkommetta serq ta’ flus kontanti mill-fond Cleland & Souchet sitwat fi Triq il-Kittien ghad-dannu ta’ Jean Galea Souchet u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

14. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond Cleland & Souchet sitwat fi Triq il-Kittien, San Gwann, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Jean Galea Souchet u/jew persuni ohra;

15. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

16. Talli fil-lejl ta’ bejn l-erbgha w ghoxrin u l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2008, fil-Gzira, ikkommetta

serq ta’ flus kontanti u laptops mill-fond Associated News Group Ltd sitwat fi Triq tas-Sliema ghad-dannu ta’ Godfrey Grima u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil- mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);
17. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond Associated News Group Ltd sitwat fi Triq tas-Sliema fil-Gzira, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Godfrey Grima u/jew persuni ohra;

18. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

19. Talli fil-lejl ta’ bejn id-dsatax u l-ghoxrin t’Awwissu 2008, fil-Gzira, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u laptops mill-fond numru 5 sitwat fi Triq San Gorg ghad-dannu ta’ Dottor Edward Woods u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

20. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond 5 sitwat fi Triq San Gorg fil-Gzira liema hsara ma tiskorrix l-mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Dottor Edward Woods u/jew persuni ohra;

21. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg

u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

22. Talli fil-lejl ta’ bejn id-d-dsatax u l-ghoxrin t’Awwissu 2008 f’Gzira u cioe’ mill-fond Berks fi Triq San Gorg, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-hati kif ukoll li kieku sar kien ikun aggravat bil- hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

23. Talli fl-istess lejl, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond Berks sitwat fi Triq San Gorg fil-Gzira liema hsara ma tiskorrix l-mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Anthony Pace u/jew persuni ohra;

24. Talli fil-lejl ta’ bejn id-t-tmienja w ghoxrin w d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2008, fil-Pieta, ikkommetta serq ta’ flus kontanti mill-fond Charles Court, Flat 5 sitwat fi Triq l-Isptar ghad-dannu ta’ Giuseppe Grima u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

25. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond Charles Court, Flat 5 sitwat fi Triq l-Isptar fil-Pieta liema hsara tiskorri l-mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Giuseppe Grima u/jew persuni ohra;

26. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-

mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

27. Talli fil-lejl ta’ bejn it-tmienja w ghoxrin w id-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2008, fil-Pieta, ikkommetta serq ta’ LCD tad-ditta Samsung mill-fond Charles Court, Flat 14 sitwat fi Triq l-Isptar ghad-dannu ta’ Christopher Cutugno u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

28. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond Charles Court, Flat 5 sitwat fi Triq l-Isptar fil-Pieta liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€116) ghad-dannu ta’ Christopher Cutugno u/jew persuni ohra;

29. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

30. Talli fil-lejl ta’ bejn it-tmienja w ghoxrin w id-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2008, fil-Pieta, ikkommetta serq ta’ flus kontanti mill-fond Charles Court, Flat 9 sitwat fi Triq l-Isptar ghad-dannu ta’ Silke Sigl u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

31. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond Charles Court, Flat 5 sitwat fi Triq l-Isptar fil-Pieta liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Silke Sigl u/jew persuni ohra;

32. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

33. Talli fil-lejl ta' bejn il-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin t'Awwissu 2008, f'Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' laptops mill-fond Susan Court, Flat 1, Triq il-Prinjolata ghad-dannu ta' David Micallef u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

34. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' David Micallef u/jew persuni ohra;

35. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

36. Talli fil-lejl ta' bejn il-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin t'Awwissu 2008 f'Ta' Xbiex u cioe' mill-fond Susan Court Flat 2 sitwat fi Triq il-Prinjolata, bil-hsieb

li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-hati kif ukoll li kieku sar kien ikun aggravat bil- hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

37. Talli fl-istess lejl, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond Berks sitwat fi Triq San Gorg fil-Gzira liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Elton Zarb u/jew persuni ohra;

38. Talli fil-lejl ta' bejn it-tmienja w ghoxrin w d-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2008 fil-Pieta'u cioe' mill-fond Sweet 1, Skybuildings B, sitwat fi Triq ix-Xatt, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-hati kif ukoll li kieku sar kien ikun aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

39. Talli f'xi hin bejn it-tmintax u l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2008, f'Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' laptops mill-fond Charles Scerri & Associates, Carolina Court, Triq Giuseppe Cali ghad-dannu ta' Charles Scerri u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

40. Talli fl-istess zmien, f'hinijiet differenti, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Charles Scerri u/jew persuni ohra;

41. Talli fl-istess zmien, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

42. Talli f'xi hin bejn it-tmintax u l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2008, f' Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' laptops mill-fond Perfecta Advertising Ltd, Carolina Court, Triq Giuseppe Cali ghad-dannu ta' Lewis Borg u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

43. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Lewis Borg u/jew persuni ohra;

44. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

45. Talli fil-lejl ta' bejn it-tlieta w ghoxrin u l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2008, f'Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' laptops mill-fond Network Publications, Carolina Court, Triq Giuseppe Cali ghad-dannu ta' John Formosa u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

46. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' John Formosa u/jew persuni ohra;

47. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

48. Talli fil-lejl ta' bejn il-hamsa w is-sitta t'Awwissu 2008, f'Tas Sliema, ikkommetta serq ta' laptop mill-fond Iteanova Tech Ltd, 43 Regency House, Triq Bisazza ghad-dannu ta' Michael Gouder u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- hin, mezz, valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

49. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fil-fond liema hsara tiskorri l-mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' Michael Gouder u/jew persuni ohra;

50. Talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€ 232);

51. Talli fil-lejl ta' bejn is-sebgha w t-tmienja t'Awwissu 2008, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' laptops mill-fond Miranda Buildings, Flat 3, sitwat fi Triq

it-Torri ghad-dannu ta’ Anthony Aquilina u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);
52. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Anthony Aquilina u/jew persuni ohra;

53. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

54. Talli fil-lejl ta’ bejn il-hdax w it-tnax t’Awwissu 2008, fl-Imsida, ikkommetta serq ta’ flus kontanti mill-fond Euro Frieght Services Ltd, sitwat f’ Misrah G.Debono ghad-dannu ta’ Noel Chircop u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

55. Talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-fond liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€ 1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta’ Noel Chircop u/jew persuni ohra;

56. Talli fl-istess lejl, f’dawn il-Gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe’ flus kontanti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-

mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

57. Talli fit-tmienja t'Awwissu 2008 ghall-habta tan-nofs siegha ta' bil-lejl fl-Imsida u cioe' mill-fond KD Travel Services Ltd sitwat fi Triq tal-Hriereb, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-hati kif ukoll li kieku sar kien ikun aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€ 2330);

58. Talli ikkommetta reat waqt l-operat ta' sentenzi sospizi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH, fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1 u t-tlett stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat bhala Dok. CSH 2, CSH 3 u CSH 4 kif wkoll s-sentenza datata tlieta ta' Lulju 2008 moghtija fil-konfront tal-imputat odjern bhala Dok. CSH 5.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, d-disgha ta' Settembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal diversi akkuzi ta' serq kif wkoll ghal akkuzi li kkommetta reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li **l-akkuzi ta' ricettazzjoni gew moghtija b'mod alternattiv ghal akkuzi ta' serq.**
**Semghet ukoll lil-partijiet jiddikjaraw li jaqblu li d-divrsi reati ta' serq ghandhom jitqiesu bhala reat kontinwat w inoltre li l-akkuzi ta' hsara voluntarja ghandhom jitqiesu bhala mezz ai fini tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz.**

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ghaddej proceduri quddiem Qorti ohra.

Semghet lil prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera maghha tul l-investigazzjoni u dan mill-bidu nett tal-investigazzjoni tant li anke fir-rilaxx tal-istqarrija tieghu huwa kkopera mal-Ufficcjali Investigattivi u ta informazzjoni ta' kif sehhew d-diversi serqiet, x'insteraq minnhom u ma min kien, meta kkommetta dawn r-reati.

Semghet lil prosekuzzjoni tghid li l-imputat ghandu problema akuta t'abbuz mid-droga u li dak li ghamel ghamlu sabiex jissostanzja l-vizzju mishut tieghu u li jkun ahjar jekk l-imputat jinghata l-ghajnuna sabiex jipprova jgheleb dan il-vizzju tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tghid li bl-ghajnuna li taha l-imputat, irnexxielha ssolvi numru kbir ta' serqiet u li sahansitra anke taf min huma l-komplici li ppartecipaw f'dawn r-reati.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti pero dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi pero mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li min jisraq ghax ghandu problema t'abbuz mid-droga, huwa skuzat jew ghandu jinghata xi atteggjament preferenzjali mill-Qorti.

Il-Qorti temmen li l-imputat ghandu jinghata kull ghajnuna sabiex jgheleb dan il-mishut vizzju pero thoss wkoll li ghandha timponi piena karcerarja fil-konfront tieghu u dan sabiex b'hekk l-imputat jirrealizza darba ghal dejjem, li jrid ihallas ghal hazin li hu ghamel.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena, sabiex ma taghtix il-piena fil-massimu taghha:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-prezentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fatt li l-imputat ser jghin lil prosekuzzjoni sabiex tressaq il-Qorti l-ko awturi ta' dawn ir-reati.

3. Il-fatt li permezz ta' din s-sentenza odjerna il-Qorti ser tiskatta l-operat ta' sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospiza li nghatat nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2005;

4. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputat zvela min kien l-komplici tieghu, x'insteraq u l-*modus operandi* tas-serq.

Illi ghalhekk, **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 17(b),18, 28C, 278(2), 325(b), 334, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib**

**lil imputat MATTHEW CAMILLERI hati tal-akkuza ta' hsara voluntarja kif inkorporata fl-akkuzi ta' serq aggravat bil-mezz, kif ukoll tal-aggravji tal-hin u valur u tiddecidi li tikkundannah ghal sentejn u nofs (2½) prigunerija effettivi filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi ta' ricettazzjoni stante r-rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni.**

**Tordna wkoll li s-<u>sentenza sospiza</u> moghtija nhar s-<u>sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005</u> minn din il-Qorti diversament preseduta <u>tigi reza operattiva</u>.**

**<u>Ghalhekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu ta' erbgha snin u nofs (4½) prigunerija effettivi.</u>**

**Il-Qorti qeghda taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Koretiva ta' Kordin sabiex jaghti kull ghajnuna mehtiega lill-imputat sabiex jindirizza l-problema akuta li huwa ghandu dwar abbuz ta' droga u dan b'effett immedjat.**

**<u>In oltre tissuggerilu sabiex ma jpoggix lill-imputat fl-istess divizjoni fejn possibilment ser ikun hemm il-ko-awturi ta' dawn ir-reati li ser jitresqu l-Qorti wara li kien l-imputat stess li svela l-partecipazjoni taghhom</u>.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------